MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Numru 939/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**VS**

**MARUSKA ATTARD**
**LISA MARIE SCHEMBRI**
**RODIANNE GRECH**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Maruska Attard ta' 22 sena, bint Albert u Eugenia nee' Zammit, imwieleda tal-Pieta nhar il-25 ta' Settembru, 1982, u toqghod 13, San Gejtanu, Triq Azzopardi, Marsa, ID NRU: 520882 (M); u Lisa Marie Schembri ta' 20 sena, bint Alfred u Judith nee' Busuttil, imwielda tal-Pieta' nhar it-12

ta' Gunju, 1984 u toqghod F/9, BLK F, Triq il-Jum, Marsa, ID NRU: 352084 (M); u Rodianne Grech ta' 19-il sena, bint Alfred u Marthese nee' Debattista, imwielda tal-Pieta' nhar id-19 ta' Awwissu, 1985 u toqghod 13, Triq Pawlu Burlo, Hamrun ID NRU: 447885 (M);

AkkuzatI talli nhar il-Gimgha 17 ta' Settebmru, 2004 gewwa Paola u Ta' Xbiex u gewwa dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnhom fi zminijet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin f'rizoluzzjoni wahda, ghall-habta tal-11:30 serqu minn gewwa l-hanut *Mondial Casa,* Triq Hal-Luqa, Paola, bast bil-kontenut kollu tieghu, cioe' *wallet* tal-gilda karta ta' identita' u licenzja u zewg *credit cards* ghad-dannu ta' Yvette Buttiegieg ID NRU 255195 (M) liema affarijiet jammontaw ghal inqas minn Lm100.00;

U aktar talli fl-istess data, ghal habta tas-13:00, minn gewwa l-hanut *Cellshock*, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, serqu *mobile* tal-marka *Samsung* ghall-valur ta' m290.00 u *mobile* tal-marka *Samsung* ghall-valur ta' m160.00, ghad-dannu ta' Marouska Vella ID NRU 131982 (M);

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fil-granet ta' qabel, xjentement xtraw jew laqghu ghandhom oggetti misruqa li l-valur taghhom jaccedi l-mitt lira Malta (Lm100.00) mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Maltra, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkunu indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal taghha tal-lum fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kollha kif dedotti, liema ammissjoni giet ikkonferamata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien skond il-Ligi jikkunsidraw din id-dikjarazzzjoni taghhom;

Rat id-dokumenti ezebiti u semghet il-provi;

Rat l-Artikoli 284 u 285 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li t-tielet akkuza hija wahda alternattiva ghall-ewwel zewg akkuzi.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti, u tillbera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax-il xahar (18) mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------